

DEĊIJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-14 ta' Jannar 2016

dwar il-ħatra ta' erba' membri tal-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika

(2016/C 12/02)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 234/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li tistabbi-lixxi l-Kumitat Ewropew ta' Konsultazzjoni dwar il-Politika Komunitarja ta' Tagħrif Statistiku u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/116/KEE (‘), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1)(a) tagħha,

Billi:

- (1) Il-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika ("ESAC") huwa magħmul minn 24 membru.
 - (2) Skont l-Artikolu 4(1) (a) tad-Deċiżjoni Nru 234/2008/KE, il-Kummissjoni għandha taħtar 12-il membru.
 - (3) L-Istati Membri pprovdew lill-Kummissjoni lista ta' kandidati bi kwalifikasi stabbiliti sew fil-qasam tal-istatistika.
 - (4) Bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2014/C 138/02 (2), il-Kummissjoni ħatret tmien membri tal-ESAC u stabbiliet lista ta' riserva li trid tintuża jekk membru maħturi jirriżenja jew għal xi raġuni mhux mistennija, ikun indispost.
 - (5) Il-Kummissjoni għandha taħtar l-erba' membri li għad fadal, wara li tkun ikkonsultat kif imiss lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
 - (6) Fil-ħatra ta' dawn l-erba' Membri, il-Kummissjoni pprovat tiżgura li huma jirrappreżentaw b'mod ugwali lill-utenti, lir-respondenti u lil partijiet ikkonċernati oħra fl-istatistika Ewropea.
 - (7) Il-Kummissjoni għandha taġġċiġna l-lista ta' riserva li trid tintuża fkaż li membru maħturi jirriżenja jew għal xi raġuni mhux mistennija, ikun indispost.

ADOTTAT DIN ID-DECİJONI:

Artikolu 1

Il-persuni li ġejjin jinhattru bħala membri tal-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika għal mandat ta' ħames snin li jibda mill-1 ta' Jannar 2016:

Is-Sinjura Ariane KÖNIG

Js-Sur David HAND

Is-Sinjura Biruta SLOKA

Îs-Sur Claudiu HERTELJU.

Artikolu 2

Il-persuni li ġejjin jiġu inklużi fil-lista ta' riserva:

Is-Sur Ian Philip CASSAR

Is-Sur Marcel RÉMON

Is-Sur Eskil WADENS

Is-Sur Jan FISCHER.

⁽¹⁾ ĠU L 73, 15.3.2008, p. 13.

⁽²⁾ Id-Dekċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/C 138/02 tal-5 ta' Mejju 2014 li taħtar tmien membri tal-Kumitat Konsultativ Ewropew tal-Istatistika (ĠU C 138, 8.5.2014, p. 2).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikkazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Jannar 2016.

Għall-Kummissjoni

Marianne THYSSEN

Membru tal-Kummissjoni
